# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 455/2013**

Il-Pulizija

(Spettur Stephen Saliba)

vs

**John Zahra**

iben Leli, imwieled Dingli, fis-17 ta' Marzu, 1955, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 287555(M)

Illum, 21 ta' Novembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant John Zahra quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fis-16 ta' Awwissu, 2012 ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' wara nofsinhar (14.30hrs) gewwa Triq Misrah Suffara, Rabat, Malta:

1. Bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra il-ligi izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu fixkel fil-pussess ta' hwejjeg ta' Felicita' u Paul Zahra u dan billi nehha mnejn originarjament kienu pjanti proprjeta' ta' Felicita' u Paul Zahra;

2. Saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni LAF014 b'manjieri perikoluza u traskurata u dan meta volontarjament saq ghal fuq ommu Anna Zahra;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser obbligazzjoni mposta fuqu mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrea LL.D nhar il-25 ta' Lulju, 2012 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

4. Sar ricediv b'sentenza moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati nhar il-25 ta' Lulju, 2012 mill-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-17 ta' Ottubru, 2013 fejn il-Qorti ddikjarat li ma sabitx lill-imputat hati tal-ewwel (1) akkuza u illiberatu minnha filwaqt li sabitu hati tat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi u tikkundannah multa komplessiva ta' tmenin Ewro (€80).

Il-Qorti ordnat lill-imputat ai termini tal-artikolu 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li ma jimmolestax u ma jingurjax lil Paul Zahra, Felicita' Zahra u Anna Zahra ghal perjodu ta' sena mil-lum taht penali ta' mitejn ewro (€200) fin-nuqqas.

Inoltre il-Qorti ordnat li l-penali ta' tlett mitt ewro (€300) imsemmija fis-sentenza tal-25 ta' Lulju, 2012 tigi reza effettiva ai termini tal-artikolu 387(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ordnat l-imputat jigi skwalifikat mil-licenzji tieghu tas-sewqan ghal zmien gimghatejn mil-lum ai termini tal-artikolu 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant John Zahra tat-28 ta' Ottubru, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell u filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn l-ewwel Onorabbli Qorti lliberatu mill-ewwel akkuza u tirrevokaha ghall-bqija fejn sabitu hati tat-tieni, it-

tielet u r-raba' akkuza u minflok tilliberah minnhom skont il-ligi. Alternattivament u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha thassarha fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi l-Ewwel Aggravju huwa car u manifest in kwantu l-esponent bir-rispett jirrileva illi s-sejbin ta' htija tieghu mill-ewwel Onorabbli Qorti fuq l-imputazzjonijiet migjuba kontrih hija wahda *unsafe and unsatisfactory*.

   Ghalkemm il-proceduri in kwistjoni huma ta' natura sommarja xejn ma jibdel min-natura taghhom u cioe' li dawn il-proceduri huma ta' natura penali u ghalhekk il-prosekuzzjoni ghandha ggib provi lil hemm minn kull dubju dettat mir-raguni in sostenn ta' l-imputazzjonijiet li hija ggib kontra l-imputat.

   Bir-rispett il-prosekuzzjoni f'dan il-kaz ma lahqitx dan il-grad tal-prova nkombenti fuqha. Fil-procedura penali ma tapplikax ir-regola tan-numri u cioe' jekk aktar xhieda jixhdu favur xi tezi il-Qorti hija marbuta li takkolji din it-tezi.

   Fil-fatt hawnhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha zewg versjonijiet konfliggenti tal-kaz. L-esponent appellant dejjem cahad l-involviment tieghu u spjega lill-Qorti dak li kien ghaddej minnu u cioe' rapporti u incidenti stigati mill-istess Felicita' Zahra, huh Paul Zahra u ommu Anna Zahra sabiex igaghluh jibdel il-pozizzjoni tieghu ghal dak li kien jirrigwarda l-wirt ta' missieru b'tali mod u manjiera li malli jersaq lejn il-proprjeta' tieghu li tinsab fil-post fejn suppost sehh l-allegat reat, dawn it-tlieta mill-ewwel icemplu l-Ghassa sabiex jaghmlu xi forma ta' rapport jew jaraw x'jivvintaw sabiex ifixkluh mit-tgawdija tal-proprjeta tieghu jew ifixkluh milli jahdem fl-istess proprjeta.

   Ta' min isemmi li fil-fatt l-kwisjonijiet ta' proprjeta' gew sorvolati f'perizja li ghamel il-Perit Joseph Ellul Vincenti f'proceduri ohra li fil-fatt taw ragun lill-esponent appellant.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess it-Tieni Aggravju huwa car u manifest in kwantu bir-rispett jinghad illi l-piena nflitta hija wahda eccessiva. Jezistu fatturi u cirkostanzi, kif ser jigi elaborat waqt it-trattazzjoni ta` dan l-appell, li jimmilitaw favur temperament fil-piena jekk mhux addirittura li jimmilitaw favur bdil fis-sanzjoni li ghandha tinghata fic-cirkostanzi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarju u ghalhekk ix-xiehda li nghatat quddiem l-ewwel Qorti ma gietx traskritta. Ghalhekk din il-Qorti semghet mill-gdid il-provi mressqa quddiem l-ewwel Qorti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li jezistu zewg versjonijiet tal-akkadut. Fl-ewwel versjoni omm l-appellant xehdet li hu saq ghal fuqha meta kienet qeghda bil-qeghda fuq siggu quddiem il-propjeta' ta' hu l-appellant. It-tezi taghha hi konfortata mix-xhieda ta' Felicita Zahra.

Illi min-naha l-ohra x-xhieda tal-appellant hi djametrikament opposta fis-sens li hu jichad li saq ghal fuq ommu.

Illi din il-Qorti hi rinfaccjata minn zewg versjonijiet u fil-fehma taghha, il-versjoni tal-parte civile hi aktar kredibbli.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell ta' John Zahra u tikkonferma s-sentenza appellata.